# ARBITRU

## Dott. Deborah Schembri

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024

**Talba Nru: CCT63/23/DS**

**Josef u Tania Camilleri**

**Vs**

**MBL Garage Door Solutions – Keith Balzan.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-13 ta' April, 2023 fejn talbu lis-soċjeta' intimata tirrimborsahom l-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) wara illi ma sarux l-aġġustamenti li kellhom isiru għall-pannelli tal-bieb tal-garaxx tal-atturi mixtri minghand is-soċjeta' intimata;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni ġiet meqjusa kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-atturi xorta ma oġġeżżjonawx lill-intimat jixhed fil-proċeduri u t-Tribunal ikkonċeda dan;

Ra illi l-partijiet ingħataw ċans jitransigu l-pendenza tagħhom galadarba waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju, 2023 urew din ix-xewqa. Is-Sur Balzan wiegħed illi kellu jagħmel l-aġġustamenti pero' sas-seduta ta' wara dan kien għadu ma seħħx u t-Tribunal ġie nfurmat huwa lanqas biss għamel kuntatt magħhom tal-ebda tip;

Ra illi s-Sur Keith Balzan sostna illi huwa qatt ma ħadem mal-kumpanija MBL Garage Doors Solutions u fil-fatt isostni illi tali kumpanija lanqas teżisti u li s-sinjuri ħadu s-servizz minghand Garage Door Services Ltd illi huwa kien jaħdem magħhom bħala impjegat.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari qabel jgħaddi biex jikkunsidra t-talbiet tal-atturi.

**Ikkunsidra**

Illi rigward l-eċċezzjoni preliminari t-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza li ngħatata illum fl-ismijiet **MBL Garage Door Solutions u s-Sur Keith Balzan f'ismu propju kif ukoll bħala rapprezentant ta' MBL Garage Door Solutions** minn dan it-Tribunal kif presedut fejn ġew ikkunsidrati l-istess punti preċiżi u nstab illi s-Sur Keith Balzan kien fil-fatt rapprezentant ta' MBL Garage Door Solutions, li s-soċjeta' intimata teżisti kif anki jirriżulta minn sentenzi mgħotija mit-Tribunal diversament presedut u li fil-fatt l-ordni saret ma l-istess soċjeta kif jirriżulta mill-atti;

Għal din ir-raġuni l-eċċeżżjoni tas-soċjeta' intimata qiegħda tiġi miċħuda;

Illi fuq il-mertu, mill-provi jirriżulta illi l-atturi kkonfermaw il-punti essenzjali tat-talba tagħhom, bl-informazzjoni illi niżżlu fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedu xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħhom.

Illi s-soċjeta' intimata permezz tar-rapprezentant is-Sur Keith Balzan sostna illi huwa kien konsapevoli illi kienu twaħħlu pannelli żbaljati meta kien ittieħed il-bieb tal-garaxx tal-atturi għat tiswija u li huwa kien f'puzizzjoni li jagħmel l-aġġustamenti meta tasal l-ordni tal-pannelli f'Awwissu, 2023.

Illi għalkemm dan it-Tribunal ta' differiment sabiex jagħti ċans lill-partijiet jitransigu l-pendenza tagħhom billi s-soċjeta' intimata tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa dan ma seħħx.

Illi l-atturi sostnew illi huma kienu xtraw żewġ bibien tal-garaxxijiet illi għalkemm ma kienux identiċi kienu tal-istess materjal u għamla u li kienu ħallsu għalihom l-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (€6,400) u għalhekk huma qiegħdin jagħmlu t-talba għal nofs dan l-ammont. Dan il-valur ma ġie bl-ebda mod kontradett mis-soċjeta' intimata;

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-atturi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) lill-atturi filwaqt kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess atturi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilhom.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**